MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 635/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Anthony Bonello**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm813.42 (tmien mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) in konnessjoni ma' servizzi telefonici.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tmien mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm813.42) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon fin-numru 21802085 (numru tal-klijent 1004171) skond ma jirrizulta mill-anness Dokument ittra 'A', u liema servizz gie installat fil-fond 7, Triq Bice Mizzi Vasallo, Santa Lucija.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Jannar 2002 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------